Ufficċju Komunikazzjoni
ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

*15 ta' Frar, 2011*

20/2011

**SEHEM IL-UNIONS FIS-SOĊJETA'**

Data: Il-Ġimgħa, 18 ta' Frar, 2011

Post: Kurja tal-Arċisqof, Floriana

Ħin: 9.00 a.m.

Il-Kummissjoni Pastorali fid-Dinja tax-Xogħol ser torganizza seminar għall-imsieħba soċjali (unions u partiti politiċi) bit-tema 'Sehem il-Unions fis-Soċjeta'. L-Arċisqof Pawlu Cremona O.P. ser jagħmel diskors f'għeluq is-seminar.

It-tema hija ispirata minn diskors tal-Papa Benedittu XVI, f' Jannar tas-sena 2010, lill-mexxejja ta' Trade Unions Taljani, fejn qal li "huwa necessarju llum li nneħħu mill-ħidma tagħna kull interess personali u ningħaqdu biex niffaċjaw il-problemi li għandna fid-dinja tax-xogħol. Qatt daqs illum ma jinħass dan il-bzonn. Id-diffikultajiet li għandna fid-dinja tax-xogħol jitolbu mill-elementi kollha tas-soċjeta' kollaborazzjoni akbar u aktar effettivi."

B'dan is-seminar qed jinħoloq spazju ta' ħin biex il-unions flimkien ikunu jistgħu jaħsbu ftit fuq l-oriġini tagħhom, l-għan li għalih twaqqfu, u kif jistgħu llum jgħinu lill-ħaddiema li jirrappreżentaw lis-soċjeta'.

Nistiednukom tibagħtu ġurnalist u fotografu/cameraman. Grazzi.

Kurja tal-Arċisqof, Pjazza San Kalċedonju, Floriana, FRN 1535, Malta. Tel. (356) 21241281. Url: www.maltadiocese.org